## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.

Appell Nru. 88/2017

Seduta tat-30 ta' Ottubru 2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**Malcolm Joe Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Malcolm Joe Bezzina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 64494 M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' April 2016 u fil-jiem, ġranet u xhur ta' qabel din id-data ġewwa l-Kunsill Lokali, Valletta u f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġeiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' tlett mija u ħamsin euro (€350) għad-danu tal-Kunsill Lokali Valletta u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra is-somma ta' tlett mija u ħamsin euro (€350), minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet f'data jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat għad-dannu tal-Kunsill Lokali Valletta u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-15 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Malcolm Joe Bezzina ħati tal-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu, sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti lliberat lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur.

Inoltre il-Qorti ordnat lill-imputat biex fi żmien sitt xhur iħallas lill-Kunsill Lokali Valletta s-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) u l-istess Kunsill għandu jara li x-xhud Christopher Chircop jitħallas lura l-ammont li reġa' ġie imġiegħel iħallas għall-permess tal-25 ta' Settembru, 2015.

.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Malcolm Joe Bezzina, ppreżentat fl-24 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din il-Qorti:

1) Tħassar is-sentenza appellata stante li hija nulla, u sabiex l-esponenti ma jiġix ipprivat mid-dritt tad-*doppio esame*, tordna li l-atti jiġu mibgħuta lura lill-Ewwel Qorti; u

2) fl-eventwalita' li dina l-Qorti tikkonferma li s-sentenza hija waħda valida, tvarja u tibdel s-sentenza appellata billi:

    a) Tikkonfermaha kwantu lliberatu mill-ewwel imputazzjoni; u
    b) Tħassar is-sejbien ta' ħtija taħt it-tieni imputazzjoni mogħtija kontra tiegħu u tilliberah minn kull piena.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti tal-20 ta' Marzu 2019 li permezz tagħha ġiet annullata is-sentenza tal-Ewwel Qorti u fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali giet ordnata t-trattazzjoni mill-gdid fil-mertu.

Ikkunsidrat :

Illi sorvolat u milqugh il-pregudizzjali imqanqal mill-appellant, jifdal ghalhekk biex jigi trattat mill-gdid il-kaz minn din il-qorti ta' revizjoni u dan fit-termini imfassla fl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. L-appellant gie mixli bil-kummissjoni tar-reat tal-frodi kif ukoll dak tal-approprjazzjoni indebita, u misjub hati unikament ta' dan l-ahhar reat. Hija l-fehma ta'l-appellant, madanakollu, illi lanqas dan ir-reat ma jissussisti u dan minn ezami tal-fattispecje tal-kaz, billi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi kien hemm il-konverzjoni minnu tal-flus, ossija cekk, lilu fdat, ghal beneficcju tieghu u cioe' li ghamel uzu divers minn dak fdat lilu fil-vesti tieghu bhala impjegat mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

Illi l-Qorti ghalhekk ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn irrizultalha illi fiż-żmien mertu tal-każ u ċioe f'April tas-sena 2016, l-appellant kien impjegat bħala skrivan mal-Kunsill Lokali tal-Belt fejn kien jieħu ħsieb il-ħruġ ta' permessi għal dħul/access ghal-Belt, fost affarijiet oħra. Gara illi ċertu Christopher Chircop xtaq jottjeni permess sabiex hu jkun eżentat mill-hlas mehtieg sabiex jikseb access gewwa il-Belt Valletta taht is-sistema tas-CVA minhabba li kellu jdum hin twil ghal ragunijiet ta' xogħol fejn kien mehtieg jdaħħal it-trukk tiegħu l-Belt mghobbi bil-*gypsum*. Illi sabiex tigi koncessa lilu din l-ezenzjoni kien dovut hlas ghal darba wahda biss fl-ammont ta' €350. Ghal dan il-ghan Chircop irrilaxxja cekk favur il-Kunsill fejn hu kiteb l-ammont numerikament fuq l-istess cekk, filwaqt illi l-appellant kiteb l-ammont fi kliem. Il-kalligrafija fuq dan iċ-ċekk ġiet fil-parti l-kbira ikkonfermata mill-espert kalligrafu maħtur mill-Qorti, Joseph Mallia, bħala dik tal-

appellant.

Irriżulta wkoll illi Chircop kien anke gie mogħti riċevuta ghal dan il-ħlas, liema riċevuta nħarġet ukoll mill-appellant. Gara izda illi Chircop xorta waħda rċieva kont tas-CVA ghal perijodu taż-żmien meta suppost kien kopert bil-permess. Meta saru l-verifiki meħtieġa, dan il-permess irrizulta li ma giex irregistrat fis-sistema tal-Kunsill Lokali, ghalkemm Chircop kellu ricevuta f'idejh li kienet prova tal-hlas effetwat minnu. Mill-provi akkwiziti irrizulta illi c-cekk inhareg minn Chircop fuq isem l-appellant u mhux fuq il-Kunsill Lokali. Mhux biss izda mix-xiehda ta'Anthea Gauci, li fil-hanut taghha jissarrfu ic-cekkijiet, irrizulta illi kien l-appellant li filfatt sarraf dan ic-ċekk fuq l-idejn, bħalma filfatt ġieli kien jagħmel biċ-ċekk tal-paga li kien jaqla'. L-appellant jigi interrogat mill-pulizija fejn jiċħad li kien ħa dawn il-flejjes u stqarr ukoll illi ma seta' jiftakar xejn dwar il-każ in kwistjoni. Konsegwentement hu tressaq il-Qorti mixli bl-akkużi kif miġjuba kontra tiegħu.

Ikkunsidrat:

L-appellant, *in primis*, jattakka il-kredibilita' tax-xiehda ta' Christopher Chircop billi ghalkemm stqarr illi dan ic-cekk ghajr ghan-numru "350" kien kitbu l-appellant, madanakollu huwa gie imgiddeb mill-espert tal-Qorti, Mallia, li jikkonkludi illi l-kitba tal-appellant kienet dik biss fejn kien hemm miktub id-data u l-ammont fi kliem fuq ic-cekk. La l-firma u lanqas l-isem tal-persuna lil lilha kien intestat ic-cekk ma inkitbu mill-appellant. Dan ifisser illi Chircop ma jistax jitwemmen, fil-fehma tieghu, meta ighid illi c-cekk kollu, ghajr ghall-ammont bin-numri, inkiteb mill-appellant. Jikkontendi li lanqas fuq in-naha ta' wara tac-cekk ma hemm il-firma tieghu jew ismu jew in-numru tal-karta ta'l-identita tieghu, kif jintalab li jsir meta cekk jigi imsarraf jew iggirat.

Illi ghalkemm l-appellant gie mixli kif inghad kemm bir-reat tal-frodi kif ukoll dak tal-approprjazzjoni indebita, madanakollu ma jidhirx illi ebda wahda mill-partijiet ikkontestaw id-decizjoni moghtija mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant gie illiberat mill-

akkuza tal-frodi fit-termini tal-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. Aggravju f'dan is-sens ma hemmx u lanqas hemm appell minn naha ta'l-Avukat Generali biex b'hekk meta din il-Qorti tigi biex titratta l-kaz mill-gdid tqies illi l-partijiet ma humiex qed jinsistu li ghandu jkun hemm kundanna ghal din l-imputazzjoni.

Illi l-appellant gie mixli bir-reat tal-approprjazzjoni indebita kif imfassal fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali li jistabbilixxi r-reita' f':

> **Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ....**

Illi gie deciz illi:

> **'L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat.'[1]**

Illi ghalhekk huwa essenzjali sabiex jissussisti r-reat illi:

> **".... l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede.".[2]**

U ghalhekk:

> **'Id-delitt ta' approprjazzjoni ndebita jigi konsumat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun pruvat meta c-cirkustanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibili mal-kawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga'.[3]**

---

[1] Pulizija vs Joseph Muscat, Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.
[2] Il-Pulizija vs Giuseppa Cauchi Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar il-21 ta' Novembru 1953.
[3] Il-Pulizija vs Anthony Mary Bajada, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża fl-1 ta' Marzu 1952.

Stabbilit dan l-insenjament gurisprudenzjali, huwa bil-wisq evidenti illi l-awtur tar-reat necessarjament irid ikollu l-intenzjoni, fil-mument li jircevi l-flus jew l-oggett lilu kkonsenjat, li minflok jonora l-patt li jkun ġie miftiehem *in buona fede* mal-vittma dwar l-uzu li jrid isir minn dak l-oggett jew dawk il-flus fdati lilu, jikkonverti l-istess ghal benefiċċju tiegħu innifsu jew għal ħaddieħor. In oltre ġie stabbilit ukoll li fl-eventwalita' li jkun hemm dewmien għar-restituzzjoni tal-flus jew tal-oġġett fdat, dan ma jwassalx neċessarjament għar-reat tal-appropjazzjoni ndebita u dment li tali dewmien ma jkunx ukoll akkumpanjat mill-element formali tal-konverzjoni u tal-utilita' ta' din il-konverzjoni favur min qed jagħmilha jew favur ħaddieħor kontra l-ftehim oriġinarjament pattwit, din ġeneralment tirrisolva ruħha fi kwistjoni ta' natura ċivili.[4]

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant, fl-aggravji minnu mqanqla u li issa gew ikkunsidrati minn din il-Qorti bhala sottomissjonijiet fil-mertu, jikkontendi illi wiehed mill-elementi mehtiega sabiex jissussisti r-reat tal-frodi huwa nieqes billi hemm dubbju dettat mir-raguni dwar min kienet il-persuna li sarrfet iċ-ċekk mertu tal-kaz u allura li irceviet il-flus hemm imsarrfa. Jishaq dan ghaliex l-espert maħtur mill-Qorti, Joseph Mallia, li kien inkarigat sabiex jagħmel xogħlijiet ta' komparazzjoni tal-kalligrafija tal-appellant ma dik li tidher kemm fuq in-naha ta' quddiem kif ukoll fuq in-naha ta'

---

[4] Ara s-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Herbert Cassar deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-17 ta' Marzu 2012 fejn fost il-kunsiderazzjonijiet magħmula ġie kkwutat Maino kif ġej: Il-Maino jghid "*l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo." Ikompli jghid "la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo." Maino jirriferi ghall-awtur Carrara "la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita". Il-gurista Maino jkompli jghid "al trove lo stesso autore( "il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ....... F'paragrafu 1953 tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghid "il dolo sara' costituito della volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita'........... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, della violazione del contratto, dall'inadempiento della obbligazione"*. Ara wkoll fost oħrajn is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Dr. Sigfried Borg Cole deċiża nhar it-23 ta' Diċembru 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano fejn ġie ttrattat l-istess mertu.

wara taċ-ċekk jasal ghal konkluzjoni illi ghalkemm l-appellant kiteb fuq iċ-ċekk id-data u in-numru tlett mija u hamsin fi kliem, madanakollu n-numru '350', il-firma fuq dan iċ-ċekk, il-firem fuq wara taċ-ċekk kif ukoll l-isem 'Malcolm Bezzina' li ġiet mitkuba fil-parti taċ-ċekk li tindika lil min iċ-ċekk gie intestat ma inkitbux minnu. Għal dak li jirrigwarda n-numru 350 u l-firma fuq quddiem taċ-ċekk, jirrizulta mix-xhieda ta' Christopher Chircop li filfatt dawn inkitbu minnu. Ix-xhud fil-fatt jispjega li kif solitament jagħmel, hu kiteb il-valur numerikament, għadda ċ-ċekk vojt lill-appellant li da parti tiegħu mela l-bqija hu, u wara li ċ-ċekk inkiteb, ix-xhud iffirma ċ-ċekk in kwistjoni fuq quddiem. B'hekk ir-riżultanzi peritali dwar dawn iż-żewġ kitbiet fuq ic-cekk huma ċċarati mix-xhieda ta' Chircop li jikkonferma li filfatt dawn kitibhom hu u kwindi ma jistax ikun li dawn jaqblu ma' tal-appellant, kif filfatt ikkonkluda l-espert maħtur. Għal dak li jirrigwarda l-firem fuq wara, il-Qorti tagħmel referenza għax-xiehda ta' Anthea Gauci, li tahdem gewwa l-hanut bl-isem "Butter Puffs" li jinsab gewwa l-Belt Valletta, li tikkonferma l-firma tagħha fuq in-naha ta' wara taċ-ċekk, indikat bħala A. Gauci kif ukoll firma oħra mmarkata bl-ittra "T" li hi tispjega tappartjeni lis-soċjeta fejn taħdem. Tikkonferma wkoll illi s-socjeta fejn tahdem hija legalment awtorizzata li ssarraf ċekkijiet, u fil-fatt kemm il-darba sarrfet cekkijiet intestati f'isem l-appellant u ghaddietlu l-flus.

Jifdal allura dubbju dwar li min tappartjeni it-tielet firma fuq in-naha ta' wara taċ-ċekk li jindika numru tal-ID card mhux magħruf jew aktar speċifikament li ma jaqbilx ma dak tal-appellant, kif ukoll isem l-appellant fuq quddiem taċ-ċekk li skond l-espert maħtur jindikaw nuqqas ta' qbil fil-punti karatteristiċi bejn il-kitba tal-appellant u dik indikata fiċ-ċekk.

Illi dan maghdud, madankollu, din il-Qorti ma tistax tiskarta kemm ix-xhieda ta' Chirstopher Chircop kif ukoll dik ta' Anthea Gauci li xehdu matul dawn il-proċeduri. Infatti Chircop ikkonferma mingħajr l-ebda dubbju jew tlaqliq illi ċ-ċekk in kwistjoni ingħata vojt għajr għan-numru "350" lill-appellant u li skond Chircop dan iċ-ċekk imtela quddiemu mill-istess appellant, inkluż ukoll il-parti li tindika lil min huwa pagabbli ċ-ċekk. Infatti, dan ix-xhud jikkonferma li lanqas biss kien jaf

x'jismu l-appellant sakemm ġab iċ-ċekk *image* mill-bank wara li l-permess li hu kien ħallas għaliħ baqa ma nħariġlux u weħel kont tas-CVA sostanzjali. Hu jikkonferma wkoll mingħajr tlaqliq li kien indubbjament l-appellant li qdieh dakinhar u nfatti jgħid li ġeneralment jaqdieh individwu ieħor, certu Tony Galea, li madankollu ma kienx hemmhekk dakinhar, u liema fatt ġie kkonfermat minn Galea stess fix-xiehda tieghu. Illi mhux biss izda x-xhud Anthea Gauci tikkonferma li kien l-appellant u hadd izjed li mar isarraf dan iċ-ċekk mingħandha. Tistqarr li kienet ta' sikwit taqdi lill-appellant billi issarraflu c-cekkijiet li kien ighaddielha marbuta max-xoghol tieghu fi hdan il-Kunsill Lokali u ġieli sarrfitlu ċ-ċekkijiet tal-paga. Infatti hi tiftakar dan iċ-ċekk partikolari peress illi l-ammont kien ferm inqas mis-soltu u kkonfermat ukoll il-firma tagħha stess fuq wara ta' dan iċ-ċekk li jikkonferma wkoll illi dan iċ-ċekk infatti ssarraf minnha. Ghalkemm tghid li l-appellant solitament ikun iffirma fuq wara tac-cekk, madanakollu ma setatx tiftakar pass pass dak li ġara dakinhar. Illi x-xhud ma thalli ebda dubbju f'mohh il-Qorti illi kien l-appellant allura li sarraf ic-cekk mertu ta' dawn il-proceduri u l-flus gew mghoddija lilu personalment. Ma hemmx dubbju lanqas illi dawn il-flus hekk mghoddija lill-appellant ma sabux rwiehom fil-kaxxa tal-flus tal-Kunsill Lokali peress illi il-permess li hallas ghalih Chircop baqa' qatt ma gie irregistrat u wisq anqas allura inhareg. Minn dawn il-fatti probatorji allura jirrizulta inkonfutabbilment ippruvat:

1. Illi kien l-appellant u hadd izjed li irceva dan ic-cekk, tant illi ir-ricevuta ghal hlas hija iffirmata minnu.
2. Illi kien l-appellant u hadd izjed li mela id-dettalji fuq ic-cekk.
3. Illi kien l-appellant u hadd izjed li mar isarraf ic-cekk ghand Anthea Gauci.
4. Illi c-cekk kien l-istess wiehed mertu ta' dawn il-proceduri.
5. Illi l-appellant irceva hu personlament il-flus u ma ghaddiehomx lil Kunsill kif kien fi dmir illi jaghmel tant illi l-permess mitlub minn Chircop qatt ma inhareg favur tieghu.

Illi lanqas ma jirrizulta mill-provi illi s-sistema komputerizzata tal-Kunsill Lokali kienet difettuż, kif ġie allegat inizzjalment mill-bank tad-difiza u dan sabiex jitqanqal

dubbju dwar jekk filfatt l-appellant kienx daħħal dan il-permess fis-sistema tal-Kunsill Lokali kif kien mistenni minnu li jagħmel. In oltre ċ-ċekk ma kellu qatt jinkiteb fuq isem l-appellant personalment iżda kellu jigi intestat favur l-Kunsill Lokali.

Esposti dawn il-fatti probatorji allura l-appellant ma jistax ighid illi ma hemmx l-prova illi saret il-konverzjoni tal-flus favur tieghu u dan minghajr awtorizzazzjoni, billi gjaldarba huwa ppruvat illi l-flus gew ippercepiti minnu personali u qatt ma gew mghoddija lil Kunsill Lokali, kif kien fi dmir illi jaghmel, allura b'daqshekk huwa evidenti illi l-flus sabu rwiehhom fil-but tal-appellant u gew minnu utilizzati. L-intenzjoni kriminuza tirrizulta mill-fatt illi c-cekk gie intestat f'isem personali tal-appellant meta dan suppost kellu jigi intestat favur il-Kunsill. Ir-reat imbaghad gie ikkunsmat hekk kif issarraf iċ-ċekk u l-ammont ta' €350 in kontanti gie ippercepiet mill-appellant u li hu naqas milli jaghti kont taghhom.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta il-Qorti hija marbuta b'dak li jiddisponi l-artikolu 428(7) tal-Kodici Kriminali u gjaladarba l-Ewwel Qorti ghogobha, ghar-ragunijiet minnha migjuba fis-sentenza appellata taghti piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija, din il-Qorti ser tghaddi biex taghti din is-sanzjoni fil-komunita' ukoll ghaliex tikkondividi pjenament il-motivazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti fir-rigward.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, wara li rat l-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lil Malcolm Joe Bezzina mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnu tilliberah, iżda issibu ħati tat-tieni mputazzjoni u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hati sabiex fi

żmien sitt (6) xhur m'illum, jħallas is-somma ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) lill-Kunsill Lokali tal-Belt.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur